MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 729/2012

**Supreme Travel Limited (C 16048)**

**vs**

**MaltaTicket.com Limited C41085**

**It-Tribunal,**

DECIZJONI PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' Rikorrenti qed titlob rifuzjoni ta' bilanc ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro depozitata mas-Socjeta' Intimata bhala depozitu akkont ta' prezz ta' biljetti li kienu ser jinxtraw permezz taghha, liema servizzi m'ghadhomx jigu utilizzati mis-Socjeta' Rikorrenti u konsegwentement mhux ser ikun hemm hlasijiet dovuti lis-Socjeta' Intimata rapprezentanti prezz ta' biljetti.

Is-Socjeta' Intimata pprezentat RISPOSTA hekk:-

Preliminarjament l-inkompetenza ta' dana t-TRIBUNAL *ratione materiae* billi:-

1. Fil-kuntratt tal-5 ta' Frar 2008 bejn il-kontendenti hemm qbil li kull kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt ghandha tigi deciza mit-Tribunal tal-Arbitragg skond Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. L-ammont mitlub imur oltre l-kompetenza tat-Tribunal, skond Kap 3(3) tal-Ligijiet ta' Malta.
3. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Is-Socjeta' ziedet li t-talba hi frivola u vessatorja u ghalhekk zammet riserva ghall-hlas ta' danni spettanti lilha.

II PROVI

1. It-TRIBUNAL qed hawn igib biss siltiet mix-xhieda li jitqiesu fuq l-isfond ta' u flimkien ma dak kollu li hemm fil-process. Jigi ndikat ukoll li Dr. David Pollina ghas-Socjeta' nghata permess li jixhed fl-ilsien Ingliz.

2. **Dr. D. Pollina** esibixxa bhala Dok MT1 kopja tal-kuntratt bejn il-kontendenti, bhala Dok MT2 "Account History Report" u bhala Dok MT3 risposta, datata 16 ta' April 2012 ta' Dr. Pollina CEO lil Dr. Farrugia avukat tas-Socjeta' Attrici.

3. Fix-xhieda ta' Dr. Pollina, li mhux avukat izda CEO tas-Socjeta' Intimata u mexxa l-kawza hu f'isem l-istess hemm flimkien xhieda u sottomissjonijiet avvolja qabel il-kawza thalliet ghas-sentenza, saru sottomissjonijiet finali verbalment.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL wara li qies kollox jikkunsidra kif gej:-

1. Dwar l-inkompetenza tat-TRIBUNAL *ratione materiae* minhabba l-ammont mitlub, is-Socjeta' Konvenuta qed targumenta li ghalkemm il-"quantum" specifikatament mitlub ma jmurx 'l hinn mill-kompetenza tat-TRIBUNAL dan fil-fatt tnaqqas biex ikun precizament sal-*quantum* li dwaru jista jiddeciedi t-TRIBUNAL – haga li skond is-Socjeta' Konvenuta ma tistax issir bhalma tista ssir meta attur imur bi *quantum* quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghalkemm fuq l-istess kas sata jmur bi *quantum* akbar izda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. It-TRIBUNAL qed iqis dan, in vista ta' dak li xehed Dr. Pollina avvolja fl-eccezzjoni (ii) jissemma Kap 3(3) li mhiex specifikazzjoni adegwata.

   It-TRIBUNAL iqis din l-oggezzjoni tas-Socjeta' Konvenuta ingustifikata u qed jichadha ghax fin-nuqqas ta' xi projbizzjoni specifika it-TRIBUNAL irid jimxi skond proceduri *in similibus*, bla ma jkun qed jivvinta xejn..

2. Dwar li l-kaz kellu jitressaq quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg ta' Malta skond GENERAL PROVISIONS tat-TOUR AGENCY AGREEMENT datat 05.02.2008 firmat minn Dr. Pollina u Nazzareno Abela, Direttur ghas-Scojeta' Attrici (Dok MT1) jidher li s-Socjeta' Konvenuta ghandha dritt tesigi li dan il-ftehim jigi osservat.

Kif hu accettat, klawsola arbitrali tista ccedi postha ghal Qorti meta c-cirkostanzi jkunu juru c-certi fatturi ta' nfluwenza biex titwettaq gustizzja. Bhal fejn trid issehh l-obligazzjoni, fejn jirrisjedu x-xhieda, spejjes u tahdit involuti, ecc. Fil-kaz prezenti m'hemm xejn x'juri li t-Tribunal tal-Arbitragg f'Malta mhux il-lok jew is-sede xierqa biex tigi trattata l-vertenza bejn il-kontendenti.

It-TRIBUNAL qed iqis dan kollu anke meta jzomm f'mohhu l-obbligu statutorju li f'dak li jitressaq quddiemu ghandu jati mportanza lill-ekwita'.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi **jichad** l-eccezzjoni preliminari dwar inkompetenza bazata fuq quantum ridott mitlub izda **jilqa** l-eccezzjoni li l-forum kompetenti biex jisma dan il-kaz hu t-Tribnal tal-Arbitragg u ghalhekk jastjeni ruhu milli jiehu konjizzjoni tal-kaz. Dwar spejjes **jiddeciedi** li fic-cirkostanzi tal-kaz il-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------